A.L. 126 ta' l-2007

ATT DWAR TRANSAZZJONIJIET ESTERNI (KAP. 233)

Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema għal Reġistrazzjoni ta' Flus u Depożiti Bankarji

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 11(2) ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni, il-Prim Ministru u Ministru tal-Finanzi għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2007 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Skema għal Reġistrazzjoni ta' Flus u Depożiti Bankarji, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2007 dwar Skema għal Reġistrazzjoni ta' Flus u Depożiti Bankarji, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali". A.L. 112 ta' l-2007.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li bdew iseħħu fit-23 ta' April, 2007.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fis-subregolament (1) tar-regolament (1) tar-regolamenti prinipali, minflok it-titolu "Regolamenti ta' l-2007 dwar Skema għal Reġistrazzjoni ta' Flus u Depożiti Bankarji" għandu jidħol it-titolu ġdid "Regolamenti ta' l-2007 dwar Skema Speċjali ta' Reġistrazzjoni".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Is-subregolament (1) tar-regolament 2 tar-regolamenti prinipali, għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (a), minflok it-tifsira ta' "assi eliġibbli" għandha tidħol din it-tifsira li ġejja:

" "assi eliġibbli" tfisser karti tal-flus f'lira Maltija u euro, depożiti denominati f'lira Maltija u euro miżmuma ma' istituzzjonijiet ta' kreditu liċenzati taħt l-Att dwar Kummerċ Bankarju, titoli denominati f'lira maltija u euro elenkati fis-suq primarju fil-Borża ta' Malta;" u

(b) fis-subparagrafu (ii) tal-paragrafu (b), minflok il-kliem "u 6(d)" għandhom jidħlu l-kliem ", 6(d) u 6(e)".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

4. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, minnnufih wara l-kliem "l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju," għandhom jidħlu l-kliem "istituzzjonijiet finanzjarji li għandhom liċenza taħt l-Att dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji,".

Jemenda r-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali.

5. Fir-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara l-paragrafu (d) għandu jidħol dan il-paragrafu li ġej:

"(e) titoli denominati f'lira Maltija u, jew euro elenkati fis-suq primarju fil-Borża ta' Malta kif gej:

(i) titoli tal-Gvern ta' Malta;

(ii) titoli ta' sigurtà;

(iii) ekwità;

(iv) fondi ta' investiment kollettiv li jinvestu primarjament f'titoli elenkati fil- Borża ta' Malta.".

Jemenda r-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali.

6. Fir-regolament 11(1)(b) tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "u 6(d)" għandhom jidhlu l-kliem ", 6(d) u 6(e)".

Jemenda r-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali.

7. Fir-regolament 13 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "izjed minn Lm125" għandhom jidhlu l-kliem "izjed minn Lm175"; minnufih wara l-kliem "ebda dritt" għandhom jidħlu l-kliem "fuq reġistrazzjoni ta' assi msemmija f'regolamenti 6(a) u 6(b)"; u minnufih wara l-kliem "d-depożiti speċjali" għandha tidħol il-kelma "relevanti".

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

8. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tidħol din l-Iskeda li ġejja:

SKEDA

(Regolament 3) KULL TRASFERIMENT TA' DAN ID-DOKUMENT HU PROJBIT

Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni

Maħruġ għall-Finijiet tal-Iskema Speċjali ta' Reġistrazzjoni, 2007

L-Ewwel Parti: Timtela mill-Aġent Appuntat ta' Reġistrazzjoni

Dan iċ-Ċertifikat jiddokumenta r-reġistrazzjoni ta' l-assi eliġibbli msemmija hawn taħt skond ir-Regolamenti ta' l-2007 dwar Skema Speċjali ta' Reġistrazzjoni. Permezz ta' dan iċ-ċertifikat, is-sid benefiċjarju li f'ismu qegħdin jiġu reġistrati dawn l-assi huwa intitolat għall-eżenzjonijiet imsemmija fl-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni u l-artikolu 9B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-Income.

	Assi Eligibbli	(kliem, ittri kbar)				**Total** (figuri)	
1.	Ammont ta' karti tal-flus f'lira Maltija reġistrati					**Karti tal-Flus Lm**	
2.	Ammont ta' karti tal-flus f'euro reġistrati					**Karti tal-Flus f'euro**	**Ekwivalenti f'Lm**
3.	Ammont ta' depożiti f'lira Maltija reġistrati *	Tip ta' kont				**Depożiti f'Lm**	
		Kurrenti (figuri)	Tifdil (figuri)	Fiss (figuri)			
4.	Ammont ta' depożiti f'euro reġistrati *	Tip ta' kont				**Depoziti f'euro**	**Ekwivalenti f'Lm**
		Kurrenti (figuri)	Tifdil (figuri)	Fiss (figuri)			
5.	Ammont ta' titoli elenkati fil-Borza ta' Malta	Titoli tal-Gvern (figuri)	Titoli ta' sigurta` (figuri)	Ekwita` (figuri)	Fondi ta' investiment kolletiv (figuri)	**Total ta' titoli**	
5.1	Titoli f'lira Maltija[#]					**Titoli f'Lm**	
5.2	Titoli f'euro[#]					**Titoli f'euro**	**Ekwivalenti f'Lm**
6	**Valur Totali ta' Assi Eliġibbli Reġistrati (f'Lm)**						

*** Timtela biss jekk id-depożiti bankarji f'lira Maltija u/jew f'euro li jkun qegħdin jiġu reġistrati huma miżmumin mill-applikant jew l-fiduċjarju tiegħu ma' istituzzjoni ta' kreditu lokali fis-16 ta' April, 2007**

 # Timtela biss jekk it-titoli elenkati lokalment f'lira Maltija u/jew f'euro li jkun qegħdin jiġu reġistrati huma miżmumin mill-applikant jew l-fiduċjarju tiegħu fis-16 ta' April, 2007

B 1911

It-Tieni Parti: Timtela mill-Applikant bħala Sid Benefiċarju (Ittri Kbar)

Niddikjara li qrajt u fhimt id-dikjarazzjoni fil-Ħames Parti ta' dan id-Dokument. Niddikjara li, fid-data applikabbli jiena kont is-sid ta' dawn l-assi / l-eredi jew l-legatarju tas-sid ta' dawn l-assi (immarka skond ma japplika)

Titlu (Mr/Mrs/Ms) Isem sħiħ u kunjom Nru. Karta tal-Identita` 1.	Indirizz	Sid ☐ Eredi/Legatarju ☐ _____ _____ Firma Data
Titlu (Mr/Mrs/Ms)* Isem sħiħ u kunjom* Nru. Karta tal-Identita`* 2.	Indirizz	Sid ☐ Eredi/Legatarju ☐ _____ _____ Firma Data
Isem tal-Fiduċjarju (fejn applikabbli)# Nru. Karta tal-Identita`# 3.	Indirizz#	_____ _____ Firma Data

*** timtela biss jekk l-assi eliġibbli li jkunu qegħdin jiġu registrati jkunu jappartjenu lil aktar minn individwu wieħed**
 # timtela biss jekk id-depożiti bankarji lokali u/ jew it-titoli elenkati lokalment huma miżmuma mill-fiduċjarju f'isem l-applikant. F'każ li l-fiduċjarju huwa entita' korporattiva, jekk jogħġbok agħti l-isem tal-kumpannija u n-numru tar-reġistrazzjoni

It-Tielet Parti: Timtela mill-Applikant bħala Sid Benefiċarju

Nawtorizza lill-Aġent ta' Reġistrazzjoni li jiddepożita l-karti tal-flus eliġibbli li qegħdin jiġu hawn reġistrati fit-tip ta' depożitu għal perjodu speċjali li ġej: (immarka skond ma japplika)

☐ Il-kont għandu jkun f'ismi (isimna) bħala sid benefiċarju(i)

☐ Il-kont għandu jkun f'isem l-Aġent ta' Reġistrazzjoni skond ir-Raba' Parti hawn taħt bħala *nominee* tiegħi

_____ _____
Firma Data

Ir-Raba' Parti: Timtela mill-Aġent Appuntat ta' Reġistrazzjoni (Ara Dikjarazzjoni fis-Sitt Parti ta' dan id-Dokument)

Isem l-Aġent Appuntat għar-Reġistrazzjoni*	Valur ta' l-Assi Reġistrati (Lm)	Dritt ta 4% (Lm)	Dritt ta' 6% (Lm)	Ħlasijiet (Lm)
Timbru Uffiċjali				Timbru Uffiċjali
	Niddikjara li rċevejt id-Dritt ta' Reġistrazzjoni kif jidher hawn fuq. Niddikjara wkoll li l-karti tal-flus li qegħdin jiġu reġistrati sa jiġu depożitati f'din l-istituzzjoni ta' kreditu li gejja:			
	_____			
Firmatarju Awtorizzat	Firmatarju Awtorizzat		Data	

*** Imla biss f'każ li t-timbru uffiċjali ma jkunx juri d-dettalji kollha**

Il-Ħames Parti: Dikjarazzjoni ta' l-Applikant

B'referenza għat-Tieni u t-Tielet Parti ta' dan id-Dokument, jien/aħna niddikjaraw li:

1. jiena/aħna s-sid/ien benefiċjarju/benefiċjarji ta' l-assi eliġibbli reġistrati jew l-eredi jew il-legatarju/i ta' dak/dawk is-sid/ien.

2. l-assi eliġibbli reġistrati m'humiex marbuta ma' dħul minn *money laundering* kif definit taħt l-Att Kontra l-*Money Laundering*, jew minn xi reat kriminali ieħor li jmur kontra xi liġi ħlief l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*.

3. l-assi eliġibbli qed jiġu reġistrati darba biss taħt din l-Iskema;

4. naċċetta/w li ninżamm/u responsabbli għall-korrettezza u l-awtentiċità ta' l-informazzjoni u, jew provi dokumentarji mogħtija lill-Aġent Appuntat taħt l-Iskema.

5. nagħti/nagħtu lill-Aġent Appuntat għar-Reġistrazzjoni l-informazzjoni u, jew provi dokumentarji kollha li huwa jista' jiġi bżonn sabiex ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet mogħtija lilu taħt l-Iskema.

6. din id-dikjarazzjoni qiegħda ssir *in bona fede*.

7. talli għamilt/għamilna din id-dikjarazzjoni u akkwistajt/akkwistajna dritt għall-eżenzjonijiet li jistgħu jingħataw taħt il-liġi wara din ir-reġistrazzjoni, jien/aħna naċċetta/w li nħallas/nħallsu, f'liri Maltin, id-Dritt ta' Reġistrazzjoni fuq il-valur kurrenti ta' l-assi eliġibbli reġistrati.

8. jien/aħna nifhem/nifhmu li l-għoti ta' informazzjoni u provi dokumentarji foloz jagħmlu lil dan iċ-Ċertifikat null u jistgħu jittieħdu proċedimenti kriminali kontrija/kontrina.

9. jien/aħna nifhem/nifhmu wkoll li f'każ li jien/aħna nirċievi/u xi benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ ieħor taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jew taħt xi skema oħra magħmula mill-Gvern jew xi entità pubblika oħra jew taħt xi liġi oħra minħabba li ma kontx/konniex iddikjarajt/na dawk l-assi eliġibbli li qed jiġu reġistrati hawnhekk (jew dħul minnhom), jien/aħna ma għandix/għandniex niġi/u mitlub/a li nirrifondi/u dak il-benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ ieħor miksub qabel din ir-reġistrazzjoni. Madankollu, jekk wara din ir-reġistrazzjoni, jien/aħna inkompli/nkomplu nieħu/nieħdu dak il-benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ mingħajr ma nkun/u intitolat/i għalihom, jien/aħna għandi/na nitqies/u li qatt ma gawdejt/gawdejna mill-eżenzjonijiet imsemmija fl-artikolu 11 ta' l-Att dwar it-Transazzjonijiet Esterni u l-artikolu 9B ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u nitlef/nitilfu id-dritt li ma niġix/niġux mitlub/a nirrifondi/nirrifondu xi benefiċċju, eżenzjoni jew vantaġġ hekk miksub qabel ir-reġistrazzjoni.

Is-Sitt Parti: Dikjarazzjoni ta' l-Aġent Appuntat

B'referenza għall-Ewwel u r-Raba' Parti ta' dan id-Dokument, aħna niddikkjaraw li:

1. ingħatajna l-informazzjoni u l-evidenza dokumentarja kollha meħtieġa sabiex aħna nkunu nistgħu nwettqu l-funzjoni tagħna taħt l-Iskema;

2. nobbligaw ruħna li nżommu kull dokumentazzjoni rilevanti għal 10 snin;

3. nobbligaw ruħna li niddepożitaw l-karti tal-flus reġistrati f'kont ta' depożitu għal perjodu speċjali ma' istituzzjoni ta' kreditu li jkollhom liċenza taħt l-Att dwar il-Kummerċ Bankarju sa mhux aktar tard minn ġurnata wara d-data ta' reġistrazzjoni;

4. aħna marbutin bil-liġi bl-obbligu tas-sigriet professjonali u li m'aħna se nikxfu l-ebda informazzjoni li tinsab fiċ-Ċertifikat tar-Reġistrazzjoni, bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta' regolament 9.